**PARROCCA SANTA MARGERITA V.M.,SANNAT**
**Tel/Fax: 21551435 . Email: sannatparish@ keyworld.net**
**Website : www.sannatparish.com**

**IL-ĦADD, 30.09.07: Is-26 Ħadd matul is-sena.**
**IT-TNEJN: 1.10.07:** L-Ewwel Tnejn tax-Xahar
Fis-6.00p.m. ikun hemm il-quddiesa fiċ-Cimiterju
Matul dan ix-xahar tħallux ir-Rużarju fil-Familja.
**IL-ĦAMIS, 4.10.07:** L-Ewwel Ħamis tax-Xahar
**Fis-7.15a.m**. ikun hawn il-Konfessur barrani għall-qrar.
**Fis-7.00p.m**. Konċelebrazzjoni u fiha jsir it-talb flimkien bis-salmi.
**IL-ĠIMGĦA, 5.10.07:** L-Ewwel Ġimgħa tax-Xahar.
Illum ikun hawn l-Adorazzjoni mit-8.00 sal-11.00a.m. u mit-3.00p.m. 'l quddiem.
Fis-7.00p.m. quddiesa bis-sehem taż-Żgħażagħ.
**IS-SIBT, 6.10.07:** Illum nagħmlu **l-Festa tal-Madonna tar-Rużarju.**
**Fil-5.30p.m.** Issir r-reċita tar-Rużarju.
**Fis-6.00p.m.** quddiesa bil-prietka fuq ir-Rużarju u dritt wara toħroġ l-Purċissjoni bl-istatwa tal-Madonna tar-Rużarju. Kulħadd jieħu sehem fit-talb waqt il-purcissjoni
**IL-ĦADD, 7.10.07: Is-27 Ħadd matul is-sena.**
**Fit-8.30a.m.** quddiesa li tixxandar fuq ir-Radju R.T.K.
Il-quddies ikun fil-5.30, 6.30; 7.30, 8.30, 9.30 u 10.30a.m.
Fil-4.00p.m. quddiesa li fiha jiġi amministrat is-Sagrament tal-Magħmudija.

## BIDU TAD-DUTTRINA

Nhar it-Tnejn, 1 ta' Ottubru, nibdew is-Sena tad-Duttrina 2007/2008. Il-Ħin ikun fit-7.45a.m. fil-post tal-Museum. Il-ġranet ikunu t-Tnejn, it-Tlieta u l-Ħamis.Nhar ta' Ġimgħa minflok id-Duttrina t-tfal ikollhom il-quddiesa fit-7.45a.m. fil-knisja. Tinżamm ukoll r-rassenja ta' l-attendenza għall-quddiesa.

## LAQGĦAT GĦALL-ADOLEXXENTI

Nhar it-Tlieta, 2 ta' Ottubru, se nibdew il-laqgħat għall-Adolexxenti bniet. Dawn ikunu wara l-quddiesa ta' fil-għaxija. Dawn ta' Form 2 u 3 ikunu fis-sala tad-Dar ta' l-Arċipriet u dawk ta' Forms 4 u 5 fid-Dar il-ġdida tal-Parroċċa. Nistiednu lil dawn l-Adolexxenti biex jattendu.

## LAQGĦAT TA' L-AZZJONI KATTOLIKA.

Nhar it-Tnejn, l-1 ta' Ottubru, jerġgħu jibdew il-laqgħat ta' l-Azzjoni Kattolika ta' l-Irġiel u tan-Nisa. Ta' l-Irġiel ikunu nhar ta' Tnejn fis-Sagristija wara l-quddiesa ta' fil-għaxija u tan-Nisa jkunu Nhar ta' Tnejn, fis-sala tad-Dar ta' l-Arċipriet fit-8.30a.m.

## RUŻARJU FIZ-ZONI

Matul ix-xahar ta' Otubru, kull nhar ta' Tnejn se ssir ir-reċita tar-Rużarju fiz-zoni differenti tal-Parroċċa. Il-Ħin ikun fis-**7.30p.m.**
It-Tnejn, 1 ta' Ottubru ta' Ċenċ, bejn Triq Ċenċ u Triq Skerla.
It-Tnejn, 8 ta' Ott. Bejn Triq Dun Luqa u Tempju ta' l-Imramma.
It-Tnejn, 15 ta' Ott. Ta' Saguna bejn Triq it-Tin u l-Ikxbiex
It-Tnejn, 22 ta' Ottubru, Triq il-Kbira ħdejn id-Duluri.
It-Tnejn, 29 ta' Ottubru, fil-Pjazza ta' Triq Cocco Palmeri.

## RUŻARJU FIL-KNISJA

Matul ix-xahar ta' Ottubru fil-knisja jkun hawn kuljum ir-Rużarju quddiem Ġesu' Espost, fis-6.30p.m.

## FULJETT DWAR IL-KELMA TA' ALLA.

F'din is-sena pastorali li se tkun ddedikata lill-Kelma ta' Alla, il-parroċċa qed sforz biex din il-kelma tkun iktar qrib lejna.
Għalhekk, barra minn attivitajiet oħra, qed nibdew nibgħatulkom Fuljett żgħir b'silta mill-Evanġelju tal-Ħadd u magħha se jkun hemm ftit riflessjonijiet u talba zgħira marbuta mal-qari ta' dak il-Ħadd.
Hekk il-kelma ta' Alla li nisimgħu fil-laqgħa tagħna ma' Alla nhar ta' Ħadd, tibqa' tgħix fiha matul il-ġimgħa.
Għalhekk, nagħmel appell lill-ġenituri kollha biex f'xi hin matul il-ġimgħa jaqraw flimkien dan il-fuljett u tkun ħaġa sabieħa jekk xi ħadd ikun jista jżid xi riflessjoni oħra ma' dawk li jkun hemm f'dan il-fuljett.
Din r-riflessjoni fuq il-kelma ta' Alla se taslilkom id-dar mal-Bullettin ta' dik il-ġimgħa.